# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Illum it-Tnejn 14 t' Ottubru, 2024**

**Rikors Nru.: 767/2023 MH**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru**

**bin-numru ta' referenza: 1014/2023**

**Benjamin Martin debitament rappreżentat**
**mill-mandatarja speċjali tiegħu**
**l-Avv Dr Sarah Sultana**

**vs**

**Mr. Green Limited (C-43260)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors tas-soċjeta' Mr. Green Limited ("MGL") tas-17 ta' Lulju 2023** permezz ta' liema qegħda tippremetti –

1) *"Illi dan huwa rikors ai termini tal-**<u>Artikolu 44(1)(a) u (c)</u>** tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali riformulazzjoni (minn issa "**Regolament Brussels I Recast**") **ghal-limitazzjoni u/jew sospensjoni tal-proċedimenti ta' eżekuzzjoni ta' sentenza, pendenti talba ghar-rifjut tar-rikonoxximent u ezekuzzjoni tal- sentenza estera.***

***<u>Sfond</u>***

2) *Illi fit-1 ta' Gunju 2023, fejn Benjamin Martin nnotifika lill-esponenti Mr Green Limited, bl-Annex I Certificate mahruga ai termini tar-Regolament Brussels I Recast u talbu lill-esponenti jagħmlu ħlas tal-ammont ta' €72,614.20 (tnejn u sebghin elf, sitt mija u erbatax-il Ewro u ghoxrin centezmu) flimkien ma' l-imghaxijiet legali kalkolati bir-rata ta' 4% fis-sena mit-22 ta' Lulju 2021 sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjez legali, in ottempranza mas-sentenza fl-ismijiet **Benjamin Martin vs Mr Green Limited moghtija mill-Qorti "Regional Court for Civil Matters Vienna" gewwa l-Awstrija fil-25 ta' Marzu 2022 liema sentenza giet konfermata fl-appell f'sentenza tal-24 ta' Awwissu 2022 moghtija mill-Qorti "Higher Regional Court Vienna", Awstrija (Kawza Numru 15 R 85/22p);** ("**is-sentenzi Awstrijaċi**").*

3) *Illi bhala punt ta' principju legali, s-socjeta esponenti Mr Green Limited Limited li hija operatur ewlieni tal-online gaming ibbażata u liċenzjata mill-Malta Gaming Authority ("**MGA**") sa mit-2008, temmen bis-shih illi s-sentenzi Awstrijaci tas-sekwestrant, u ta' players Awstrijaci bhalu, imorru <u>manifestament kontra l-istrategija pubblika (ordre public) tal-Istat Membru indirizzat (i.e. Malta)</u> u ghaldaqstant m'ghandomx jigu rikonoxxuti u enforzati gewwa Malta. Illi filfatt s-socjeta esponenti diga qeghda tikkontesta r-rikonoxximent ta' numru ta' sentenzi simili u r-ragunijiet legali dwar dan huma spjegati aktar 'il quddiem f'dan ir-rikors.*

4) *Illi s-sekwestrant Benjamin Martin [Passaport Awstrijakk Numru P7376268] debitament rapprezentat mill-mandatarja specjali tieghu, l-Avukat Dr. Sarah Sultana (K.I. 0012581M) prezenta l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv Nru 1014/2023 nhar l-14 ta' Gunju 2023, u dan bil-ghan illi jibda jenforza u jizbanka l-kreditu pretiz fis-sentenzi Awstrijaci ta' Benjamin Martin.*

5) *Illi l-istess mandat ezekuttiv gie akkordat mill-Onorabbli Qorti nhar is-23 ta' Gunju 2023 u inhareg ghan-notifika lis-sewkestratarji.*

6) *Illi in vista tal-pozizzjoni tas-socjeta esponenti u tal-infurzar tas-sentenzi Awstrijaci, l-istess socjeta esponenti min-naha taghha, u bil-ghan illi tikkontesta bil-qawwa l-enforzabilita tas-sentenzi Awstrijaci gewwa Malta, intavolat rikors fl-ismijiet inversi u cioe* ***MR GREEN LIMITED (C43260) -vs-*** *Benjamin Martin [Passaport Awstrijakk Numru P7376268] debitament rapprezentat mill-mandatarja specjali tieghu, l-Avukat Dr. Sarah Sultana (K.I. 0012581M), ai termini tal-Artikolu 45 u 46 tar-Regolament Brussels I Recast, li jipprovdu illi:*

*45(1). Fuq it-talba ta' kwalunkwe parti interessata, ir-rikonoxximent ta' sentenza għandha tiġi rifjutata:*

***(a) jekk dak ir-rikonoxximent ikun manifestament kontra listrateġija pubblika (ordre public) tal-Istat Membru indirizzat;***

**.....**

*46. Fuq it-talba tal-persuna li kontra tagħha qed tintalab l-eżekuzzjoni, l-eżekuzzjoni ta' sentenza għandha tiġi rrifjutata meta jinstab li teżisti waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 45.*

7) *Illi Artikolu 44 tar-Regolament Brussels I Recast, jipprovdi b'mod car illi:*

*<u>Artikolu 44</u>*

1. *Fil-każ ta' talba għal rifjut tal-eżekuzzjoni ta' sentenza skont is-SubTaqsima 2 tat-Taqsima 3, il-Qorti fl-Istat Membru indirizzat tista', fuq it-talba tal-persuna li kontriha qed tintalab l-eżekuzzjoni:*

*(a) tillimita l-proċedimenti tal-eżekuzzjoni għal miżuri kawtolatorji;*

*(b) tissoġġetta l-eżekuzzjoni għall-għoti ta' garanzija li hi tistabbilixxi; jew*

*(c) tissospendi l-proċedimenti tal-eżekuzzjoni kollha kemm huma jew ta' parti minnhom.*

8) *Illi s-socjeta esponenti ssostni umilment, illi fid-dawl tal-fatt illi hija ghamlet talba għal rifjut tal-eżekuzzjoni tal-istess sentenzi skont is-SubTaqsima 2 tat-Taqsima 3 tal-Brussels I Recast (ossia Artikolu 45 u 46) lil-Onorabbli Qorti (diversament preseduta) sabiex tikkunsidra r-rifjut tar-rikonoxximent u l-infurzar, l-ezekuzzjoni tal-istess sentenzi Awstrijaci ghandha tigi llimitata*

*ghal-procedimenti kawtelatorji u/jew sospiza in parte, u dan sakemm l-Onorabbli Qorti tippronunzja ruhha dwar it-talba ghar-rifjut.*

***Talba Ghar-Rifjut tar-Rikonoxximent u Infurzar***

9) ***Illi a skans ta' hafna ripetizzjoni, qiegħda tigi hawn annessa it-talba dettaljata ghar-rifjut in konnessjoni mal-istess Sentenzi Awstrijaci (illi qeghdin jigu enforzati permezz tal-mandat ezekuttiv odjern) intavolata mill-esponenti permezz ta' rikors sopracitat ai termini tal-Artikolu 45 u 46 tal-Brussels I Recast (annessa u mmarkata bhala Dok MG1).***

10) *Illi kif spjegat fl-istess rikors, s-sentenzi Awstrijaci li qed tipprova tenforza s-sekwestranti, huma biss tnejn minn sensiela ta' hafna decizjonijiet fejn il-Qrati Awstrijaci ikkonkludew illi abbazi tal-fatt illi skondom - il-monopolju tal-gaming gewwa l-Awstrija moghti lil koncessjonarji Casinos Austria AG ("**Casinos Austria**") u Österreichsiche Lotterien GmbH ("**Austria Lotteries**") ma jistax jiġi meqjus li jmur kontra jew jikser il-liġi Ewropeja - operaturi Maltin bhal Mr Green Limited li joperaw fl-Awstrija u fl-UE b'licenzja Maltija (għaliex ma jistghux jottejnu licenzja Awstrijaka) qeghdin jipprovdu online gaming services li huma "prohibited games of chance (which) do not even establish a natural obligation".*

11) *Illi fid-dawl tas-suespost, il-Qorti Awstrijaka qed tiddeciedi, inkluz fis-sentenzi Awstrijaci illi s-sekwestranti qeghdin jipprovaw jenforzaw, illi kull somma ta' flus mitlufa minn players Awstrijaci bhal Benjamin Martin, meta laghbu l-loghob tal-azzard legittimu pprovdut mis-socjeta esponenti Mr Green Limited fuq is-sit taghha, jista jigi rikavat lura minn players bhalu. Il-Qorti Awstrijaka b'hekk iddeċidiet li Benjamin Martin kellu d-dritt li jieħu lura, l-flus kollha li kien tilef fuq is-sit ta Mr Green Limited, bl-ispejjeż u bl-interessi legali;*

12) *Illi kif spjegat f'hafna dettall u b'riferiment ghall-ligijiet vigenti u kazistika Maltija u Ewropeja, s-socjeta esponenti temmen fis-shih illi s-sentenzi Awstrijaci f'din il-linja, huma manifestement kontra l-ordni pubbliku (public policy) Malti (u Ewropew), u dan ghaliex s-sentenzi Awstrijaci huma bi ksur tal-liberta li jigu pprovduti servizzi mingħajr fruntieri ('free movement of services') (inkluż f'dan il-kaz partikolari, fil-qasam tal-logħob online) kif protett fl-Artikolu 56 tat-Trattat ghall-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("**TFEU**"), bi ksur tal-qafas leġislattiv tal-logħob Malti kif regolat fil-ligi Maltija, u bi ksur ukoll tal-principju ta' strateġija pubblika Malti, illi players ta' servizzi tal-logħob tal-azzard offrut*

*minn operatur liċenzjat gewwa Malta m'għandhomx dritt ta' azzjoni sabiex jircievu lura telf imġarrab minnhom, hekk kif kristallizzat fl-Artikolu 54 tal-Att dwar il-Logħob bħala kwistjoni ta' politika pubblika, li johloq eċċezzjoni esplicita għal dak li qabel kien regolat mill-Artikoli 1713 u 1716 tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16, Liġijiet ta' Malta);*

13) ***Illi izjed ricentement ossia f'Gunju 2023, il-Parlament Malti rratifika unanimament ATT sabiex jemenda l-Att dwar il-Logħob, Kap. 583, li ġie intavolat quddiem il-parlament f'April 2023 permezz tal-mozzjoni numru 128, u li eventwalment ġie promulgat f'Liġi permezz tal-Att Numru XXI tat-2023. Illi din l-istess emenda kkrastilazzat l-pozizzjoni tal-strategija pubblika ta' Malta dwar il-qasam b'mod mill-aktar car bl-inkluzjoni tal-Artikolu 56A fl-att dwar il-loghob Malti.***

14) *Illi dan kollu jinghad ukoll fl-isfond tal-fatt, illi kif spjegat fid-dettall fir-rikors ghar-rifjut (<u>li ghadu irid jigi kkunsidrat mill-Onorabbli Qorti diversament preseduta</u>), hemm dubji serji dwar il-legalita' u l-konformita' tal-monopolju Awstrijaku mal-coherency criteria svilluppat mic-CJEU u li ghandhom japplikaw fejn ikun hemm restrizzjonijiet ghall-"free movement of services", tant illi fil-kaz Fluctus & Fluentum (C-920/19) deċiża 18 Mejju 2021, is-CJEU qalet illi "the approach of the national court in the context of the proportionality test must not be static, but dynamic, so that it must take into account the evolution of circumstances after the adoption of the legislation in question" (see Online Games and Others C685-15, para 53).*

15) *Illi minkejja li kien hemm bidliet manifesti, u sinifikanti fl-għamla tas-suq Awstrijak tal-logħob online, li l-Att dwar il-Logħob Awstrijak suppost jirrestrinġi (għal wieħed monopolistiku) sabiex jipprevjeni l-kriminalità u t-tberbiq ta' flus fuq il-logħob, il-Qrati Awstrijaki Inferjuri m'għadhomx iwettqu reviżjoni indipendenti u dinamika, tal-konsistenza tal-leġiżlazzjoni Awstrijaka rilevanti mal-liġi tal-UE, qabel ma jimponu l-approċċ restrittiv mahluq mil-liġi Awstrijaka, u minflok ma jagħmlu dan qeghdin jistrieħu fuq id-deċiżjonijiet tal-Qrati Awstrijaċi oghla (partikolarment id-deċiżjoni E 945 / 60) sabiex jiddeciedu kawzi bhal dawk istitwiti minn Benjamin Martin.*

*Illi dan kollu <u>u hafna aktar</u> qed jigi spjegat aktar fid-dettall fir-rikors li qed jigi prezentat kontestwalment mis-socjeta esponenti.*

16) *Illi fid-dawl tal-argument validi u ragjunati tas-socjeta esponenti ghar-rifjut tas-sentenzi Awstrijaci, huwa car daqs il-kristall illi l-infurzar tas-sentenzi Awstrijaci permezz ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv u l-izbank ta' kwalunkwe cedoli depozitati fl-atti tal-Mandat de quo ((EUR 72,614.20)) ser*

*ikun ta' pregudizzju serju ghas-socjeta esponenti, jekk dawn jithallew jigu zbankati, meta l-istess socjeta ghadha kif bdiet procedura specjali ai termini tar-Regolament Brussels I Recast, sabiex il-Qrati Maltin jikkunsidraw it-talba ghar-rifjut tar-rikonoxximenti u l-infurzar tal-istess sentenzi Awstrijaci gewwa Malta.*

17) *Illi galadarba huwa car illi (i) s-socjeta sekwestrata intavolat proceduri ai termini tal-Artikolu 45 u 46 tar-Regolament Brussels I Recast (kif jidher mill-atti prezentati) fir-rigward tal-istess sentenzi illi huma l-bazi tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv odjern (ii) u li mad-daqqa t'ghajn jidher illi s-socjeta esponenti ghandha punti validi li ressqet ghas-savju gudizzju tal-Onorabbli Qorti dwar r-rikonoxximent u l-infurzar tal-istess Sentenzi Awstrijaci fir-rikors diga prezentat ai termini tal-Artikolu 45/46 tal-Brussels I Recast, isegwi illi s-socjeta esponenti ghandha bir-rispett, id-dritt illi tinvoka r-rimedju moghti lilha fl-Artikolu 44 tar-Regolament Brussels I Recast, sabiex titlob illi jigi sospiz jew limitat l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv odjern, pendenti l-ezitu tar-rikors prezentat kontestwalment bejn Mr Green Limited u Benjamin Martin kif rapprezentat, u dan kif diga stabbilit u ordnat mill-Onorabbli Qorti f'kazijiet identici ghal dak odjern, fosthom fl-ismijiet :*

- ***Lotto Hessen GmbH v Deutsche Lotto und Sportwetten Ltd**[1],*
- ***Debitum Collectio Limited noe v Mr Green Limited**[2]*
- ***Michael Kugler v Mr Green Limited**[3]*
- ***Avv Sarah Sultana nomine bhala mandatarja ta Heike Schuler v Mr Green Limited**[4]*
- ***Avv Sarah Sultana nomine bhala mandatarja ta Eva Schiketanz v Mr Green Limited**[5]**,***
- ***Avv Sarah Sultana nomine bhala mandatarja ta' Jens Dieter Hurtig v Mr Green Limited**[6]*
- ***Avv Sarah Sultana nomine bhala mandatarja ta' Markus Reininger v Mr Green Limited**[7]*

---

[1] Rikors nru 825/2021 deciz mill-Onor Imhallef Dr Christian Falzon Scerri fil-11 ta' Ottubru 2021
[2] Rikors nru 230/2022 deciz mill-Onor Mhallef Dr Robert G Mangion fil-21 ta' Marzu 2022
[3] Rikors nru 201/2022 deciz mill-Onor Mhallef Dr Robert G Mangion 12 ta' April 2022
[4] Fl-atti tal-mandat nru 992/2022 deciz mill-Onor Mhallef Dr Lawrence Mintoff 7 ta Settembru 2022
[5] Fl-atti tal-mandat nru 991/2022 deciz mill-Onor Mhallef Dr Lawrence Mintoff 7 ta' Settembru 2022
[6] Fl-atti tal-mandat nru 988/2022 deciz mill-Onor Mhallef Dr Lawrence Mintoff 7 ta Settembru 2022
[7] Fl-atti tar-rikors nru 1029/2022 wara l-mandat ta' sekwestru 1360/2022 deciz mill-Onor Mhallef Dr Toni Abela 19 ta' Dicembru 2022

- ***Avv Sarah Sultana nomine bhala mandatarja ta' Petra Ableidinger v Mr Green Limited***[8]

- ***Ergys Keco v Mr Green Limited***[9]

- ***Alexander Brenner kif rapprezentat mill-mandatarju specjali tieghu Dr Damien Degiorgio v TSG Interactive Gaming Europe Ltd*** [10]

- ***Avv. Sarah Sultana nomine bhala mandatarja ta' Goksal Zaman et v Mr.Green Limited*** [11]

- ***Avv. Sarah Sultana nomine bhala mandatarja ta' Tina Luftensteiner et v Mr.Green Limited*** [12]

- ***Avv. Sarah Sultana nomine bhala mandatarja ta' Yunus Saglam et v Mr.Green Limited*** [13]

- ***Avv. Sarah Sultana nomine bhala mandatarja ta' Ralf Gugerell et v Mr.Green Limited*** [14]

- ***Avv. Sarah Sultana nomine bhala mandatarja ta' Johannes Munz et v Mr.Green Limited*** [15]

- ***Avv. Sarah Sultana nomine bhala mandatarja ta' Monika Ballwein Traplicher et v Mr.Green Limited*** [16]

---

[8] Fl-atti tar-Rikors nru 1022/2022 wara l-mandat ta' sekwestru nru 1330/2022 deciz mill-Imhallef Toni Abela
[9] Fl-atti tal-mandat nru 1716/2022 fl-ismijiet datat 30 ta' Jannar 2023 deciz mill-Onor Mhallef Ian Spiteri Bailey

[10] Rikors Numru:957/2022 TA fl-atti tal-mandat ta' sekwestru bin-numru ta' referenza 1281/2022 deciz mill-Onor Imhallef Toni Abela LLD nhar il-19 ta Dicembru 2022
[11] Fl-atti tal-mandat nru 351/2023 fl-ismijiet Avv. Sarah Sultana nominee bhala mandatarja ta' Goksal Zaman et v Mr.Green Limited datat 5 ta' Lulju 2023 deciz mill-Onor Mhallef Robert G. Mangion

[12] Fl-atti tal-mandat nru 348/2023 fl-ismijiet Avv. Sarah Sultana nominee bhala mandatarja ta' Tina Luftensteiner et v Mr.Green Limited datat 5 ta' Lulju 2023 deciz mill-Onor Mhallef Robert G Mangion

[13] Fl-atti tal-mandat nru 357/2023 fl-ismijiet Avv. Sarah Sultana nominee bhala mandatarja ta' Yunus Saglam et v Mr.Green Limited datat 5 ta' Lulju 2023 deciz mill-Onor Mhallef Robert G Mangion

[14] Fl-atti tal-mandat nru 356/2023 fl-ismijiet ismijiet Avv. Sarah Sultana nominee bhala mandatarja ta' Ralf Gugerell et v Mr.Green Limited datat 5 ta Lulju 2023 deciz mill-Onor Robert Mangion

[15] Fl-atti tal-mandat nru 353/2023 fl-ismijiet ismijiet Avv. Sarah Sultana nominee bhala mandatarja ta' Johannes Munz et v Mr.Green Limited datat 5 ta Lulju 2023 deciz mill-Onor Robert Mangion

[16] Fl-atti tal-mandat nru 355/2023 fl-ismijiet ismijiet Avv. Sarah Sultana nominee bhala mandatarja ta' Monika Ballwein Traplicher et v Mr.Green Limited datat 5 ta Lulju 2023 deciz mill-Onor Robert Mangion

*fost ohrajn, fejn l-Onorabbli Qorti ordnat illi ma jigux zbankati cedoli depozitati mis-sekwestratarji pendenti l-ezitu definittiv tar-rikors ghar-rifjut intavolat ai termini tal-Artikolu 45 u 46 tar-Regolament Brussels I Recast.*

18) *Illi kif sostniet l-Onorabbli Qorti f'***Michael Kugler v Mr Green Limited** *( Rikors nru 201/2022 deciz mill-Onor Mhallef Dr Robert G Mangion 12 ta' April 2022) f'rikors* *__kwazi identiku__* *ghal dak odjern li jitratta l-istess mertu imma f'ismijiet diversi:*

*20. Il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-konverżjoni f'miżura kawtelatorja jew għas-sospensjoni jekk ir-raġunijiet għall-kontestazzjoni tal-għarfien tas-sentenza huma fiergħa, mhumiex marbuta mar-raġunijiet ta' rifjut imsemmija 9 fl-artikolu 45 tar-Regolament jew jidhru mad-daqqa t'għajn li dawn saru biss biex itawlu fil-vojt l-esekuzzjoni tas-sentenza. Il-kejl li jrid jiġi użat huwa dak tal-probabilis causa litigandi u mhux tal-iusta causa litigandi (ara Digriet tal-11 ta' Ottubru 2021 – rikors nru 825/2021CFS fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numrul 1102/2021 fl-ismijiet "Lotto Hessen GMBH vs Deutsche Lotto Und Sportwetten Ltd").*

*26. Appena huwa neċessarju jingħad illi fil-proċedura odjerna, min għandu raġun mill-partijiet fil-kawża fuq imsemmija ma hux ta' rilevanza.* ***Li huwa rilevanti kif rajna qabel hu jekk il-premessi li fuqhom hija msejsa l-kawża humiex premessi manifestament indikativi li hija kawża purament intiża sabiex ittawwal iż-żmien sabiex jiġu eżegwiti s-sentenzi tal-qrati Awtrijaċi, jew inkella jekk hiex imsejsa fuq konsiderazzjonijiet li jimmeritaw approfondiment u trattazzjoni xierqa.***

***27. Huwa evidenti għall-qorti illi ma jirriżultax illi l-premessi fil-kawża de quo għandhom mill-fieragħ jew li m'għandhom x'jaqsmu xejn mar-raġunijiet li r-Regolament jipprovdi sabiex sentenza fi stat membru ma tiġiex rikonoxxiuta u enforzata fi stat membru ieħor. Fil-fehma tal-Qorti jirriżultaw l-estremi li jikwalfikaw il-pretensjonijiet ta' Mr Green Limited bħala probabilis causa litigandi jew fumus di fondatezza li jimmeritaw li jiġu mistħarrġa u deċiżi filkawża imsemmija. (enfasi mizjuda)***

*28. Dwar il-preġudizzju ta' naħa jew ta' naħa oħra skond jekk din il-Qorti tilqax it-talba għall-konverżjoni tal-mandat eżekuttiv f'att kawtelatorju; il-Qorti tqis illi una volta qed issib illi Mr Green għandha probabilis causa litigandi u fumus di fondatezza allura tkun f'lokha l-miżura illi jitneħħew temporanjament l-effetti eżekutivi tal-mandat ta' sekwestru numru 309/2022 u minflok jitqies li huwa mandat kawtelatorju pendenti l-eżitu tal-kawża imsemmija.*

19) *Illi ghaldaqstant - ikun fl-umli opinjoni tas-socjeta esponenti - ekwu w gust illi l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv odjern jigi wkoll illimitat għal miżuri kawtelatorji ai termini tal-Artikolu 44(1)(a) tar-Regolament Brussels I Recast, u/jew jigi sospiz in parte ai termini tal-Artikolu 44(1)(c), taht kwalunkwe mizura illi l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa fic-cirkostanzi, inkluz sabiex jigi imwaqqaf l-izbank ta' flejjes depozitati mis-sekwestratarji fl-atti tal-mandat odjern, u dan sakemm jigi deciz ir-rikors pprezentat taht Artikolu 45/46 tar-Regolament 1215/2012 bl-ismijiet inversi. Illi fin-nuqqas ta' tali mizuri, ser jigi kkawzat pregudizzju serju ghas-socjeta esponenti, illi taf tbaghti telf konsiderevoli ta' flejjes, jekk l-Onorabbli Qorti eventwalment tilqa t-talbiet taghha ghar-rifjut tar-rikonoxximent, wara illi jkunu gew zbankati l-flejjes appartanenti lilha.*

***Illi għar-raġunijiet imsemmija, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, sabiex prevja kwalsiasi miżura li jidrilha tkun opportuna fiċ-ċirkostanzi:***

1. ***Tordna <u>provizorjament</u> illi jigu limitati l-effetti tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv nru 1014/2023 bil-konsegwenza li ma jsir ebda zbank ta' cedoli u flejjes mis-sekwestranti sakemm jigi deciz r-rikors odjern, u dan b'notifika u/ jew komunika urgenti lir-Registratur tal-Qrati Civili;***

2. ***Tordna illi l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv nru 1014/2023 fl-ismijiet Benjamin Martin [Passaport Awstrijakk Numru P7376268] debitament rapprezentat mill-mandatarja specjali tieghu, l-Avukat Dr. Sarah Sultana (K.I. 0012581M) v Mr Green Limited jigi limitat ghal-mizuri kawtelatorji ai termini tal-Artikolu 44(1)(a) tar-Regolament Brussels I Recast (UE) Nru 1215/2012 <u>u/jew</u> alternattivament tissospendi l-ezekuzzjoni tal-istess mandat ta' sekwestru in parte, inkluz izda mhux limitat, billi twaqqaf kwalunkwe zbank jew tigbid ta' kwalunkwe flejjes depozitati mis-sekwestratarji ai termini tal-Artikolu 44(1)(c) tar-Regolament Brussels I Recast (UE) Nru 1215/2012, u dan sakemm jigi b'mod definittiv ir-rikors li qed jigi prezentat kontestwalment bejn l-istess partijiet.***

***Bl-ispejjez kontra s-sekwestranti."***

Rat ir-**risposta ta' Benjamin Martin tal-4 ta' Diċembru 2023**[17] permezz ta' liema rribatta –

1. *"Illi fis-17 ta' Luju 2023, s-socjeta sekwestrata Mr. Green Limited intavolat rikors b'urgenza taht l-Arlikolu 44 tar-Regolament UE 1215/2012 wara l-mandat ta' sekwestru numru 1014/2023 fl-ismijiet fuq premessi u dana sabiex tottjeni sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni ai termini ta' l-istess Artikolu 44 (1) (a) u (c);*

2. *Illi l-esponenti jirrileva illi mhux kontestat illi s-socjeta sekwestrata intavolat il-proceduri ghar-rifjut ta' ezekuzzjoni tas-sentenzi ai termini ta' l-Artikolu 46 tar-Regolament UE 1215/2012, liema proceduri kif deciz f'diversi rikorsi simili, huma rikjesti sabiex tirnexxi talba ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 44 tar-Regolament;*

3. *Illi l-esponenti qieghed jipprezenta r-risposta tieghu ghat-talba ta' rifjut u rikonoxximent tas-sentenzi esteri taghha mibdija mis-socjeta sekwestrata fil-proceduri numru 765/2023 MH li jinsabu appuntati ghall-4 ta' Dicembru 2023 kontestwalment ma' din ir-risposta, fejn qed jikkontesta bil-qawwa kollha dawk il-proceduri, u qed jitlob illi l-Qorti ghandha tichad dawk it-talbiet rikorrenti u minflok tikkonferma illi s-sentenzi Awstrijaci moghtija favurih huma u ghandhom jigu kkonfermali bhala rikonoxxibbli u ezegwibbli gewwa Malta, u dana ghar-ragunijiet kollha kontenuti fir-risposta esponenti;*

4. *Illi bir-rikors taghha s-socjeta sekwestrata qed titlob sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 44(1)(a) u (c), l-esponenti jirrileva illi din l-Onorabbli Qorti ma tistax takkolji t-tieni talba rikorrenti fl-intjier taghha ghaliex r-rimedji disponibbli lis-sekwestrata ai termini ta' l-Artikolu 44(1) tar-Regolament m'humiex kumulattivi izda alternattivi u kwindi l-Qorti ma tistax tillimita l-effetti tal-mandat de quo ghal mandat kawtelatorju u fl-istess hin tissospendi ukoll l-ezekuzzjoni fis-sens li ma jkunux jistghu isiru zbanki kif qed jintalab mis-sekwestrata.*

5. *Illi jigi rilevat in oltre illi wara l-mandat ta' sekwestru numru 1014/2023 su-riferit, u in konsegwenza tal-fatt illi giet depozitata fil-Qorti is-somma kollha rikjesta fil-mandat ta' sekwestru ezekuttiv fl-intjier taghha, is-socjeta sekwestrata intavolat kontro-mandat numru 1816/2023 (kopja kif*

[17] Fol 34 et seq

*mghoddija mis-sekwestrata lill-esponenti annessa bhala **Dok. X**) sabiex filwaqt li jigu rilaxxati l-kontijiet taghha fir-rigward tal-pretensjonijiet ta' l-esponenti, il-flus depozitati fil-Qorti jibqghu hemm depozitati biex jigu zbankati minn min ghandu dritt ghalihom skond il-ligi. L-esponenti tat ukoll il-visto taghha li ma kellhiex oppozizzjoni ghall-hrug tal-kontro-mandat f'dawn it-termini. Dan il-kontromandat gie akkordat fl-20 ta' Settembru 2023 minn din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta kif jirrizulta minn ricerka maghmula mill-avukata sottofirmata fis-sistema ta' l-ecourts, annessa bhala **Dok. Y**;*

*Ghaldaqstant fi kwalunkwe kaz, il-Qorti ma tistax tirriduci l-mandat ta' sekwestru ghal wiehed kawtelatorju kif mitlub mis-sekwestrata fit-tieni talba taghha minhabba illi sar diga kontro-mandat biex jitnehha dan l-istess mandat.*

6. *Illi jigi precizat ghall kull buon fini, illi **ghalkemm is-socjeta rikorrenti ghamlet ir-rikors b'urgenza. l-esponenti fl-ebda hin minn meta l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv de quo gie akkordat minn din l-Onorabbli Qorti sal-gurnata tal-lum, ma ttenta jizbanka xi flus li setghu gew depozitati fil-frattemp**, la tramite rikors zbank u wisq anqas billi avvicina lill-kontro-parti sabiex tawtorizzah jizbanka xi flus li setghu gew depozitati fil-Qorti. **Is-socjeta rikorrenti dan tafu u l-esponenti ma tistax tifhem ghalfejn qed jigu prezentati proceduri b'urgenza meta ma tissussisti l-ebda urgenza minhabba li l-ebda zbank ma gie tentat**. Donnha s-socjeta rikorrenti tibqa' persistentement tinsa illi flus depozitati fil-Qorti ma jistghux jigu zbankati jekk mhux bi procedura appozita wara kollox il-flus m'humiex fizikamcnt fil-Qorti u l-esponenti ma tistax taqbad tmur tipprelevahom minn gol-Qorti qisha sejra il-bank tigbed il-flus.*

7. *Illi **minghajr pregudizzju ghall-posizzjoni ta' l-esponenti**, ossia illi s-socjeta rikorrenti m'ghandha l-ebda bazi legali sabiex tittenta tottjeni rrifjut tar-rikonoxximent u l-ezekuzzjoni tas-sentenzi esteri moghtija kontra tieghu u favur l-esponenti Benjamin Martin liema proceduri ghandhom mill-fieragh u huma intizi proprju biex jittentaw itawlu l-proceduri ta' l-ezekuzzjoni, kif debitament ser ikun qed jirrispondi l-esponenti fil-proceduri ta' rifjut lilha gja notifikati –*

*fl-ispirtu ta' diversi digrieti u provvedimenti illi inghataw f'rikorsi simili bhal dan odjern maghmula taht l-Artikolu 44 tar-Regolament UE 1215/2012, uhud minnhom anki citati mis-sekwestrata stess fir-rikors taghha, fejn il-Qrati ssospendew l-ezekuzzjoni sakemm jigu decizi b'mod finali l-proceduri intavolati taht l-Artikoli 45(1)(a) u 46 ta' l-istess Regolamenti, l-esponenti*

*jirrileva illi m'ghandu l-ebda oggezzjoni illi* ***sakemm ikun hemm ezitu finali bejn il-partijiet tal-proceduri ta' rifjut intavolati ai termini tar-Regolament (Rikors Numru 765/2023 MH), tigi sospiza l-ezekkuzzjoni tas-sentenzi li ghandha favuriha, fis-sens illi l-esponenti ma tkunx tista' tizbanka kwalsiasi flus li hemm depozitati u/jew li jistghu jigu depozitati fil-Qorti in konsegwenza tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 1014/2023 minnha intavolat.***

***B'dana illi pero lanqas is-socjeta sekwestrata ma tkun tista' tizbanka dawn istess flus depozitati fil-Qorti.***

*8. Illi ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez ma hemmx qbil li dawn ghandhom jigu sopportati mill-esponenti u tali talba ghandha ghalhekk tigi michuda*

*L-esponenti Benjamin Martin kien fil-pjeni diritti komunitarji supremi tieghu illi jitlob il-hrug tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv fl-ismijiet fuq premessi, sabiex jezegwixxi s-sentenzi finali u definittivi taghha moghtija favuriha mill-Qrati Awstrijaci, wara li l-istess sentenzi flimkien mac-certifikati ta' ordni ta' infurzar ghal kull sentenza mahruga ai termini ta' l-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) 1215/2012 gew minnu notifikati lis-sekwestrata qabel ma ttiehdet l-ewwel mizura ta' ezekuzzjoni, kif del resto mitlub mill-Artikolu 43 tar-Regolament..*

*Dan huwa dritt komunitarju suprem ta' l-esponenti ghaliex ir-regola hija illi sentenzi moghtija minn stat membru huma enforzabbli fl-istati membri l-ohra b'mod awtomatiku u immedjatament. Il-fatt illi s-socjeta esponenti iddecidiet illi tikkontesta l-ezekuzzjoni tas-sentenzi, li wara kollox hija l-eccezzjoni u mhux ir-regola, ma jfissirx illi b'daqshekk l-ispejjez minnha ghandhom jigi attribwiti lill-esponenti u ghandha tkun l-istess socjeta sekwestrata illi iggorr sia l-ispejjez taghha, sia l-ispejjez illi l-esponenti qcd ikollu jaghmel minhabba l-proceduri tentati mis-socjeta sekwestrata kontra l-esponenti.*

*Daqstant ghandu x'jissottometti l-esponenti;"*

Rat li l-proċeduri tħallew għad-digriet kamerali, li ser jingħata llum.

Rat l-atti kollha tal-proċeduri.

**Ikkunsidrat:**

Mill-atti jirriżulta li –

i. Fil-**25 ta' Marzu 2022** ingħatat sentenza mill-Qorti Awstrijaka fl-ismijiet *Benjamin Martin vs Mr Green Limited* permezz ta' liema MGL ġiet ikkundannata tħallsu s-somma ta' €72,614.20 flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż legali relattivi;

ii. Wara li kien sar appell minn dik is-sentenza, il-Higher Regional Court ta' Vienna kkonferma s-sentenza nhar l-**24 t'Awwissu 2022**;

iii. **Fl-14 ta' Ġunju 2023** Benjamin Martin intavola rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv Nru 1014/2023 u dan bil-għan li jibda jenforza u jiżbanka l-kreditu pretiż fis-sentenzi Awstrijaċi msemmija. Dan il-mandat ġie akkordat mill-Qorti fit-**23 ta' Ġunju 2023** u nħareġ għan-notifika lis-sekwestratarji;

iv. **Fis-17 ta' Lulju 2023** MGL preżentat rikors quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili[18] bil-għan li jiġi rifjutat ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni f'Malta tas-

[18] Fol 10 et seq

sentenza tal-Qorti Awstrijaka surreferita. Dan ai termini tal-artikoli 45 u 46 tar-Regolament (UE) 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni) li jipprovdu hekk-

***"Rifjut tar-rikonoxximent***

*Artikolu 45*

*1. "Fuq it-talba ta' kwalunkwe parti interessata, ir-rikonoxximent ta' sentenza għandha tiġi rifjutata:*

*(a) jekk dak ir-rikonoxximent ikun manifestament kontra l-istrateġija pubblika (ordre public) tal-Istat Membru indirizzat;*

*(b) meta s-sentenza tingħata b'kontumaċja, jekk il-konvenut ma kienx ġie notifikat bid-dokument li jkun fetaħ il-proċedimenti jew b'dokument ekwivalenti fi żmien suffiċjenti u b'tali manjiera li dan ikun jista' jħejji għad-difiża tiegħu, sakemm il-konvenut ma jkunx naqas milli jibda l-proċedimenti biex jikkontesta s-sentenza meta kien possibli għalih li jagħmel hekk;*

*(c) jekk is-sentenza tkun irrikonċiljabbli ma' sentenza mogħtija bejn l-istess partijiet fl-Istat Membru indirizzat;*

*(d) jekk is-sentenza tkun irrikonċiljabbli ma' sentenza mogħtija aktar kmieni fi Stat Membru ieħor jew fi Stat terz li jinvolvi l-istess kawża ta' azzjoni u bejn l-istess partijiet, dment li s-sentenza preċedenti tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa għar-rikonoxximent tagħha fl-Istat Membru indirizzat; jew*

*(e) jekk is-sentenza tkun f'konflitt ma':*

*(i) it-Taqsimiet 3, 4 jew 5 tal-Kapitolu II fejn id-detentur tal-polza tal-assigurazzjoni, l-assigurat, il-benefiċjarju tal-kuntratt ta' assigurazzjoni, il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara, il-konsumatur jew l-impjegat kien il-konvenut; or*

*(ii) it-Taqsima 6 tal-Kapitolu II.*

*2. Fl-eżami tagħha tar-raġunijiet tal-ġurisdizzjoni msemmija fil-punt (e) tal-paragrafu 1, il-qorti li lilha ssir it-talba għandha tkun marbuta bis-*

*sejbiet dwar il-fatt li fuqhom il-qorti tal-oriġini tkun ibbażat il-ġurisdizzjoni tagħha.*

*3. Mingħajr preġudizzju għal paragrafu 1(e), il-ġurisdizzjoni tal-qorti tal-oriġini ma tistax tiġi riveduta. It-test ta' strateġija pubblika msemmija fil-paragrafu 1(a) ma jistax jiġi applikat għal regoli li għandhom x'jaqsmu mal-ġurisdizzjoni.*

*4. It-talba għal rifjut ta' rikonoxximent għandha ssir skont il-proċeduri previsti fis-SubTaqsima 2 u, fejn adatt fit-Taqsima 4.*

***Rifjut tal-eżekuzzjoni***

*Artikolu 46*

*Fuq it-talba tal-persuna li kontra tagħha qed tintalab l-eżekuzzjoni, l-eżekuzzjoni ta' sentenza għandha tiġi rrifjutata meta jinstab li teżisti waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 45."*

v. Kontestwalment mar-rikors imsemmi, fis-**17 ta' Lulju 2023**, quddiem din il-Qorti l-istess MGL ntavolat ukoll ir-rikors odjern permezz ta' liema qegħda titlob lill-Qorti sabiex pendenti l-proċeduri surreferiti tillimita l-effetti tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv 1014/2023 b'dan li ma jsir ebda żbank ta' ċedoli mis-sekwestrant, il-mandat in kwistjoni jiġi limitat għal miżuri kawtelatorji, u/jew li alternattivament tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-mandat in parte, inkluż iżda mhux limitat, billi twaqqaf kwalunkwe żbank jew flus depożitati mis-sekwestratarji Dan ai termini tal-artikolu 44 (1) (a) u (ċ) tar-Regolament imsemmi 1215/2012 li jipprovdi hekk –

*"Artikolu 44*

*1. "Fil-każ ta' talba għal rifjut tal-eżekuzzjoni ta' sentenza skont is-SubTaqsima 2 tat-Taqsima 3, il-Qorti fl-Istat Membru indirizzat tista', fuq it-talba tal-persuna li kontriha qed tintalab l-eżekuzzjoni:*

*(a) tillimita l-proċedimenti tal-eżekuzzjoni għal miżuri kawtolatorji;*

*(.....)*

*(c) tissospendi l-proċedimenti tal-eżekuzzjoni kollha kemm huma jew ta' parti minnhom."*

iv. Fir-risposta tiegħu Benjamin Martin isemmi fost oħrajn li fil-frattemp, permezz ta' ċedola ta' depożitu[19] ġiet depożitata fil-Qorti s-somma kollha rikjesta. Kien għalhekk li MGL intavolat kontro-mandat sabiex filwaqt li jiġu rilaxxjati l-kontijiet tagħha fir-rigward tal-pretensjonijiet ta' Benjamin Martin, il-flus depożitati fil-Qorti jibqgħu hemm depożitati biex jiġu żbankati minn min għandu dritt għalihom skont il-liġi. Il-kontro-mandat ġie akkordat fl-20 ta' Settembru 2023. Huwa jirrileva wkoll li m'għandu ebda oġġezzjoni li sakemm ikun hemm eżitu finali bejn il-partijiet fil-proċeduri ta' rifju Rik Nru 765/23, tiġi sospiża l-eżekuzzjoni tas-sentenzi favurih, fis-sens li Martin ma jkunx jista' jiżbanka kwalsiasi flus li hemm depożitati u/jew li jistgħu jiġu depożitati fil-Qorti in konsegwenzatal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 1014/2023. B'dana pero' li lanqas is-soċjeta' MGL ma tkun tista' tiżbanka dawn l-istess flus depożitati l-Qorti.

[19] Fol 39

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tissottolinea li r-rwol tagħha f'dawn il-proċeduri huwa biss li tiddegreta dwar it-talba għal miżuri temporanji rikjesta mis-soċjeta' MGL sakemm jiġi deċiż ir-rikors fil-mertu dwar it-talba għar-rifjut tar-rikonoxximent u tal-eżekuzzjoni tas-sentenza Awstrijaka f'Malta.

Ferm il-premess, issir referenza għal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fil-proċeduri **Lotto Hessen Gmbh vs Deutsche Lotto Und Sportwetten Ltd deċiż fil-11 ta' Ottubru 2021 -**

> *"13. It-talba ta' Deutsche Lotto għas-sospensjoni tal-mandat 1102/2021 tinsab imsejsa fuq l-artikolu 44(1)(ċ) tar-Regolament (UE) 1215/2012...*
>
> *(......)*
>
> *16. Li rridu naraw mela huwa jekk hemmx raġunijiet fejjieda biex din il-qorti tissospendi l-proċediment tal-esekuzzjoni tas-sentenzi barranin jew le;*
>
> *17. Il-qorti tissokta billi tgħid li hija taqbel mal-mandatarja speċjali ta' Lotto Hessen GmbH, meta tgħid fir-raba' paragrafu tat-tweġiba tagħha, li din il-qorti m'għandhiex idejha marbuta dwar kif għandha tiddeċiedi talba ta' sospensjoni taħt l-artikolu 44(1) tar-Regolament (UE) 1215/2012. Tassew, il-qorti hija ħielsa li taċċetta jew tiċħad it-talba għas-sospensjoni skont id-diskrezzjoni prudenti tagħha;*
>
> *18. Kif insibu miktub fis-silta li tinsab f'paġna 431 tal-ktieb, The Brussels I Regulation Recast modifikat minn Andrew Dickinson u Eva Lein, liema silta ma ġietx riprodotta kolha kemm hi mill-mandatarja speċjali ta' Lotto Hessen GmbH, fir-raba' paragrafu tat-tweġiba tagħha: «The wording of this provision ('may') indicates that the competent court has a discretion in granting these limitation and suspension measures. Not only does invoking the grounds of refusal not automatically suspend enforcement proceedings,*

*but also the court to which an application for suspension or limitation is made has a margin of appreciation to decide if there is sufficient reason to limit or suspend the enforcement proceedings, and to determine the scope and conditions of the appropriate suspension or limitation measure. A prima facie assessment of the chance that the party against whom enforcement is sought will be successful in the challenge procedure, and the possible consequences for both parties of the making or refusal of a suspension or limitation order, will be relevant factors. The court may not, however, review the substance of the underlying judgment.»*

*19. Minn din is-silta jirriżulta li xogħol il-qorti fi proċeduri dwar talba għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza huwa li tara żewġ affarijiet ewlenija: (i) jekk ir-rikorrent għandux mad-daqqa t'għajn argument validu biex jikkontesta l-għarfien u l-esekuzzjoni tas-sentenza barranija; u (ii) il-konsegwenzi li jistgħu jbatu l-partijiet jekk tintlaqa' jew ma tintlaqax it-talba għas-sospensjoni.*

*20. Naturalment dwar l-ewwel element tal-probabilis causa litigandi, mhuwiex xogħol din il-qorti li tara jekk ir-rikorrent għandux raġun jattakka l-għarfien u l-esekuzzjoni tas-sentenza. Li trid tara l-qorti f'dawn il-proċeduri ta' sospensjoni huwa biss jekk ir-rikorrent għandux raġunijiet li fihom wieħed x'jomgħod jew x'jixtarr;*

*21. Il-qorti minnufih għandha tiċħad it-talba għas-sospensjoni, jekk ir-raġunijiet għall-kontestazzjoni tal-għarfien tas-sentenza huma fiergħa, mhumiex marbuta mar-raġunijiet ta' rifjut imsemmija fl-artikolu 45 tar-Regolament jew jidhru ċari biżżejjed li dawn saru biss biex itawwlu fil-vojt l-esekuzzjoni tas-sentenza.*

*22. Mill-banda 'l-oħra, il-qorti m'għandhiex għalfejn tiddejjaq illi tilqa' talba għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza, jekk ir-raġunijiet mogħtija mir-rikorrent għall-kontestazzjoni tal-għarfien tas-sentenza jqanqlu fiha ħsibijiet ta' tħabbil il-moħħ. Dan jibqa' jgħodd anke jekk il-qorti jista' ġa jkollha l-fehmiet legali tagħha dwar kif imissha tinqata' l-kwistjoni. Wara kollox il-kejl li jrid jiġi użat hawnhekk huwa dak biss tal-probabilis causa litigandi u mhux tal-iusta causa litigandi;"*

Għal finijiet tal- proċeduri odjerni, dwar l-ewwel element appena msemmi l-Qorti hija sodisfatta mad-daqqa t'għajn li s-soċjeta' MGL għandha argumenti validi biex titlob reviżjoni tal-OĦE ai termini tal-artikolu 45 u 46 tar-Regolament in

kwistjoni. Dan indipendentement minn jekk eventwalment dawn l-argumenti jwasslux għall-eżitu mixtieq mis-soċjeta' MGL.

Dwar it-tieni element din is-soċjeta' tikkontendi li jekk ma sseħħx is-sospensjoni mitluba fil-proċeduri odjerni hija ser ikollha tiffaċja konsegwenzi li huma ta' preġudizzju għaliha, senjatament ix-xkiel għall-operat tagħha b'telf konsiderevoli ta' flejjes.

Issir referenza wkoll għall-każ **Lotto Hessen GmbH vs European Lotto and Betting Ltd deċiż fl-24 ta' Novembru 2021** f'liema każ ukoll saru talbiet simili ai termini tal-artikolu 44 ta-Regolament UE 1215/2012. Il-Qorti qalet hekk -

> *"Illi minn analiżi tad-diċitura ta' dan l-Artikolu jirriżulta li l-Qorti, jekk tiġi mitluba, għandha l-fakulta' li tissospendi l-proċedimenti ta' eżekuzzjoni ta' sentenzi mogħtija minn Qrati oħra fl-Unjoni Ewropea. Din il-fakulta' hija pero' suġġetta għal numru ta' kundizzjonijiet:*
>
> *• il-persuna li titlob tali sospensjoni trid tkun intavolat kawża "għal rifjut tal-eżekuzzjoni";*
>
> *• it-talba għas-sospensjoni trid tintalab mill-persuna li kontriha qed tintalab l-eżekuzzjoni tas-sentenza;*
>
> *• il-kawża għal rifjut trid tkun skond is-Sub-Taqsima 2 tat-Taqsima 3.*
>
> *Illi qabel il-Qorti tikkunsidra jekk għandhiex tissospendi dawn il-proċeduri hija trid l-ewwel tara li t-tliet kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq ġew sodisfatti."*

F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li dawn it-tlett elementi huma sodisfatti fil-każ odjern -

- Is-soċjeta' MGL - li permezz tar-rikors odjern qed titlob is-sospensjoni tal-Mandat ta' sekwestru eżekuttiv 1014/2023 – intavolat ukoll il- kawża għal rifjut tal-eżekuzzjoni u r-rikonoxximent tas-sentenza tal-Qorti tal-Awstrija tal-25 ta' Marzu 2022 kif konfermata fl-24 t'Awwissu 2022;

- It-talba għas-sospensjoni qegħda tintalab mis-soċjeta' MGL li kontriha qed tintalab l-eżekuzzjoni tas-sentenza awstrijaka msemmija;

- Il-kawża għal rifjut tal-eżekuzzjoni u r-rikonoxximent tas-sentenza msemmija qed issir ai termini tal-artikoli 45 u 46 fejn proprju l-artikolu 46 jinsab fis-Sub-Taqsima 2 tat-Taqsima 3 tar-Regolament UE 1215/2012, hekk imsejjaħ RECAST.

Fl-isfond tas-suespost il-Qorti tirrileva li bid-deċiżjoni tal-lum għandu jintlaħaq bilanċ bejn il-varji drittijiet u pretensjonijiet taż-żewġ partijiet.

Meħuda ċ-ċirkustanzi tal-każ il-Qorti hija tal-fehma li t-talba tas-soċjeta' MGL fir-rikors in eżami għandha tintlaqa' għalkemm b'ċerti restrizzjonijiet kif ser jingħad, ukoll tenut kont tar-risposta kwalifikata tal-intimat.

Fl-istess ħin il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt ukoll li l-mandat eżekuttiv in kwistjoni ħareġ leġittimament a favur Benjamin Martin in segwitu għas-sentenza suċċitata tal-Qorti Awstrijaka u kwindi anke huwa għandu jkollu s-serħan il-moħħ li jekk

il-proċeduri għar-rifjut ta' rikonoxximent u ta' eżekuzzjoni inizjati f'Malta ma jkollhomx eżitu pożittiv għal MGL allura huwa jkun jista' liberament jiżbanka l-flus miżmuma bis-saħħa tal-mandat.

Il-Qorti ghalhekk sejra tilqa' t-talba ta' MGL għas-sospensjoni ta' tali mandat eżekuttiv limitatament safejn jirrigwarda l-ġbid jew żbank tal-flejjes sekwestrati li ġew jew fil-futur għad jiġu depożitati mis-sekwestratarji b'dana li l-istess mandat għandu jibqa' fis-seħħ sabiex jippermetti d-depożitu ta' flus mis-sekwestratarji.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' <u>limitatament</u> it-talba ta' Mr. Green Limited u tissospendi l-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-numru ta' referenza 1014/2023 ai termini tal-artikolu 44 (1) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 b'dana li tali sospensjoni għandha tapplika biss għall-ġbid u żbank minn Benjamin Martin tal-flejjes li huma diġa' depożitati jew li fil-futur għad jiġu depożitati mis-sekwestratarji u liema sospensjoni għandha tibqa' fis-seħħ sakemm jintemmu b'mod definittiv jew jiġu ċeduti l-proċeduri Rik 765/23 li permezz tagħhom qed tintalab ir-rifjut tar-rikonoxximent u tal-eżekuzzjoni f'Malta tas-sentenza tal-Qorti Awstrijaka tal-25 ta' Marzu 2022 konfermata fl-24 t'Awwissu 2022 fl-ismijiet *Benjamin Martin vs Mr. Green Limited.* B'dana li pero', lanqas is-**

**soċjeta' Mr. Green Limited ma' tista' tiżbanka dawn l-istess flus depożitati fil-Qorti sakemm jintemmu definitivament il-proċeduri msemmija Rik 765/23 kif intqal.**

**Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha f'din il-proċedura.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep. Reġ.**